# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 301 – It-Tnejn 4 ta' Mejju, 2015

## AĠENDA

Talba

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
3. Tqassim tad-Dikasteri
4. Indirizz mis-Sindku
5. Mozzjonijiet
6. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-sur Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 300 u ikunu approvati bħala dokument korretti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 FINANZI

### 2.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 3 DIKASTERI

**3.1** Is-Sindku ippreżenta lista li tindika t-tqassim tad-dikasteri (anness). Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett, is-Sindku ippropona li dan id-dokument jiġi approvat.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda.
Il-Kunsill qabel unanimament.

# 4 INDIRIZZ MIS-SINDKU

Is-Sindku qal li biex il-Kunsill ikun jista' jtejjeb l-operat tiegħu għandu jimxi fuq dawn il-punti:

### 4.1 Responsabbilitajiet tal-Kunsilliera

Kull Kunsillier qiegħed jiġi assenjat responsabbiltajiet dwar oqsma li huwa għandu jsegwi b'mod dirett u jirraporta dwarhom b'mod regolari matul il-laqgħat tal-Kunsill. Id-dikasteri mhumiex ministeri u għalhekk huma mezzi li għandhom iwassluna biex naħdmu aktar flimkien.

Wara sitt xhur, is-Sindku qal, kien se jara kif dawn qed jiffunzjunaw, u fejn ikun hemm bżonn issir reviżjoni tagħhom.

Il-Kunsilliera m'għandhomx jagħtu ordnijiet lill-kuntratturi u ħaddiema tal-Kunsill iżda għandhom dejjem jirreferu lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv li għandhom ir-responsabbilità legali ta' dak kollu li jwettaq il-Kunsill.

Il-Kunsilliera huma mħeġġa jaqraw u jifhmu sew l-Att dwar il-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti Finanzjarji, kif ukoll il-Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti eletti tal-Gvern Lokali. Dawk il-kunsilliera li jixtiequ kopja ipprintjata ta' dawn ir-regolamenti għandhom jikkomunikaw mas-Segretarju Eżekuttiv.

### 4.2 Twaqqif ta' Sotto Kumitati

Kull Kunsillier għandu jara li jitwaqqfu sotto kumitati sabiex jieħdu ħsieb id-diversi responsabbiltajiet li huwa għandu.

Is-sotto kumitati għandhom jinvolvu persuni mis-Siġġiewi li għandhom esperjenza fil-qasam li dwaru huwa responsabbli l-Kumitat. Biex jiġu evitati sitwazzjonijiet diffiċli, qabel dawn il-persuni jiġu avviċinati, l-ismijiet tagħhom għandhom jiġu iċċirkolati lis-Sindku u deċiżjoni dwarhom tittieħed f'seduta oħra.

### 4.3 Tfassil ta' pjan ta' ħidma

Kull Kunsillier għandu jipprepara punti dwar x'jaħseb li għandu jwettaq id-dikasteru tiegħu, kif ukoll il-Kunsill b'mod ġenerali, għal matul l-erba' snin ġejjin.

Flimkien mal-punti għandu ukoll jitħejja *budget* li jindika bejn wieħed u ieħor kemm jeħtieġ li jiġu vvutati flus sabiex jitwettqu l-punti mħejjija minnu.

Għandu wkoll jiġi indikat f'liema perjodu għandu jitwettqu l-punti u jekk hemmx xi ħtieġa speċjali fit-twettiq (eż. Permessi tal-MEPA).

Is-Sindku qal li fi żmien qasir kien se jsejjaħ seduta apposta fejn fiha jiġu diskussi dawn il-punti mressqa u jiġu mfassla fi pjan sħiħ ta' ħidma għall-erba' snin sħaħ.

Irridu nżommna f'moħħna, kompla jgħid, il-proġetti li l-Kunsill diġà hu kommess għalihom, fosthom ir-rinovazzjoni tal-bandli fi Triq Dr Nikola Zammit, li jinkludi wkoll il-bini ta' latrini pubbliċi fl-istess sit.

## 5 MOZZJONIJIET

### 5.1 Mozzjoni ta' Apprezzament lis-sur Emanuel Cutajar

Is-Sindku ippropona din il-mozzjoni li taqra:

"Billi s-sur Emanuel Cutajar serva bħala Kunsilliera għal-lokalità tas-Siġġiewi għal sentejn mis-sena 2013 sas-sena 2015;

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn 4 ta' Mejju 2015:

Jirriżolvi li jistqarr l-apprezzament tiegħu għall-mod siewi li bih is-Siur Manwel Cutajar qeda d-dmirijiet tagħu a lejn is-Siġġiewi u s-Siġġiwin;

Jirriżolvi li jirringrazzjah għall-ħidma li wettaq bħala Kunsilliera filwaqt li jawguralu u jħeġġu jibqa' jkun ta' servizz b'risq is-Siġġiewi u s-Siġġiwin.

Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat lis-Sur Manwel Cuajar."

Il-Viċi Sindku issekondiet u l-Kunsill approva b'mod unanimu

**5.2 Mozzjoni ta' Apprezzament lis-sinj. Mariette Borg**
Is-Sindku ippropona din il-mozzjoni li taqra:

"Billi s-Sinj. Mariette Borg serviet bħala Kunsillieragħal-lokalità tas-Siġġiewi għal 3 snin mis-sena 2012 sas-sena 2015;

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn 4 ta' Mejju 2015:

Jirriżolvi li jistqarr l-apprezzament tiegħu għall-mod siewi li bih is-Sinj. Mariette Borg qdiet id-dmirijiet tagħha lejn is-Siġġiewi u s-Siġġiwin;

Jirriżolvi li jirringrazzjaha għall-ħidma li hija wettqet bħala Kunsilliera filwaqt lijawguralau jħeġġatibqa' jkun ta' servizz b'risq is-Siġġiewi u s-Siġġiwin.

Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat lis-Sinj. Mariette Borg."

Il-Kunsillier Julian Borg u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

**5.3 Mozzjoni ta' Apprezzament lis-sur Mario Cachia**
Is-Sindku ippropona din il-mozzjoni li taqra:

"Billi s-Sur Mario Cachia serva bħala Kunsillier għal-lokalità tas-Siġġiewi għal 3 snin mis-sena 2012 sas-sena 2015;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn4 ta' Mejju 2015:

"Jirriżolvi li jistqarr l-apprezzament tiegħu għall-mod siewi li bih is-Sur Mario Cachia qeda d-dmirijiet tiegħu lejn is-Siġġiewi u s-Siġġiwin;

"Jirriżolvi li jirringrazzjah għall-ħidma li huwa wettaq bħala Kunsillier filwaqt li jawguralu u jħeġġu jibqa' jkun ta' servizz b'risq is-Siġġiewi u s-Siġġiwin.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat lis-Sur Mario Cachia."

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.4 Mozzjoni ta' Apprezzament lil Dr Mark-Anthony Vassallo**
Is-Sindku ippropona din il-mozzjoni li taqra:

"Billi t-Tabib Mark Vassallo serva bħala Kunsillier għal 14-il sena u matul l-aħħar sentejn huwa serva wkoll bħala Viċi Sindku tas-Siġġiewi;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn4 ta' Mejju 2015:

"Jirriżolvi li jistqarr l-apprezzament tiegħu għall-mod siewi li bih it-Tabib Mark Vassallo qeda d-dmirijiet tiegħu lejn is-Siġġiewi u s-Siġġiwin;

"Jirriżolvi li jirringrazzjah għall-ħidma li huwa wettaq bħala Kunsillier u Viċi Sindku filwaqt li jawguralu u jħeġġu jibqa' jkun ta' servizz b'risq is-Siġġiewi u s-Siġġiwin.

Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat lit-Tabib Mark Vassallo."

Il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Julian Borg u approvata b'mod unanimu.

**5.5 Mozzjoni ta' Ringrazzjament lis-sur Jesmond Tanti**

Is-Sindku ippropona din il-mozzjoni li taqra:

"Billi s-Sur Jesmond Tanti serva bħala Kunsillier għal-lokalità tas-Siġġiewi għal 8 snin mis-sena 2007sas-sena 2015;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn4 ta' Mejju 2015:

"Jirriżolvi li jistqarr l-apprezzament tiegħu għall-mod siewi li bih is-Sur Jesmond Tanti qeda d-dmirijiet tiegħu lejn is-Siġġiewi u s-Siġġiwin;

"Jirriżolvi li jirringrazzjah għall-ħidma li huwa wettaq bħala Kunsillier filwaqt li jawguralu u jħeġġu jibqa' jkun ta' servizz b'risq is-Siġġiewi u s-Siġġiwin.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat lis-Sur Jesmond Tanti."

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda l-mozzjoni u l-Kunsill approvaha b'mod unanimu.

**5.6 Mozzjoni ta' ringrazzjament u stendina lill-kanditati fl-Elezzjoni tal-Kunsilli 2015**

Is-Sindku ippropona din il-mozzjoni li taqra:

"Billi s-Sur Guido Baldacchino, is-Sur Carlo Mifsud, is-Sinj. Rita Psaila, is-Sur Nicholas Sciberras, is-Sur Jesmond Tanti, is-Sur Mario Cachia, is-Sinj. Antoinette Ransley u t-Tabib Mark Vassallo, ilkoll ikkontestaw l-aħħar elezzjoni għall-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li saret nhar is-Sibt 11 ta' April 2015;

"U billi huwa xieraq li anke dawk il-persuni li ma jkunux ġew eletti fl-elezzjoni, ikollhom sehem fil-ħidma tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn4 ta' Mejju 2015:

"Jirriżolvi li jistqarr l-apprezzament tiegħu għall-kandidaturi tas-Sur Guido Baldacchino, is-Sur Carlo Mifsud, is-Sinj. Rita Psaila, is-Sur Nicholas Sciberras, is-Sur Jesmond Tanti, is-Sur Mario Cachia, is-Sinj. Antoinette Ransley u t-Tabib Mark Vassallo;

"Jirriżolvi li jistieden u jħeġġeġ lis-Sur Guido Baldacchino, lis-Sur Carlo Mifsud, lis-

Sinj. Rita Psaila, lis-Sur Nicholas Sciberras, lis-Sur Jesmond Tanti, lis-Sur Mario Cachia, lis-Sinj. Antoinette Ransley u lit-Tabib Mark Vassallo sabiex ikollhom sehem fil-ħidma tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi matul l-erba' snin li ġejjin.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda l-mozzjoni u l-Kunsill approvaha b'mod unanimu.

# 6 HWEJJEĠ OHRAJN

## 6.1 Memo 10/2015

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skont din il-memo l-Gvern Ċentrali, għas-seba'sena konsekuttiva se jerġa' jagħti għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbiltajiet ta' Librerija Lokali. Il-Kunsilli se jingħataw sa massimu ta' €600 mid-Dipartiment, u ma' din is-somma mogħtija il-Kunsill Lokali somma ekwivalenti.

Is-Sindku ippropona li għandna nivvutaw is-somma massima ta' €600 biex b'hekk nagħmlu l-aħjar użu minn din l-iskema.

Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jiltaqgħu mal-Librara biex jaraw liema huma l-akbar bżonn ta' kotba li jinħtieġu jinxtraw.

## 6.2 Kampanja Edukattiva Gwardjani Lokali Infurzar b'edukazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skont email mehmuża, ir-Reġjun Nofsinahr minn Mejju 2015 se jniedi kampanja edukattiva tal-Infurzar lokali fejn il-Gwardjan Lokali se jkun jgħin u jeduka fi ħdan dan ir-Reġjun għal ftit ħin kuljum waqt ir-rotta tax-xogħol tiegħu.

Il-Kunsill irid jalloka siti fejn il-Gwardjani jistgħu ikunu ta' assistenza lir-residenti. Is-Sindku appella lill-kunsillieri biex fl-aqsar żmien possibli jirrakkomandawlu siti u ħinijiet biex b'hekk hu jkun jista' jifformola skeda biex tintbagħat lir-Reġjun.

## 6.3 Memo 27/2014 Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2014-2105

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien applika f'din l-iskema permezz ta' Festa Għeneb. Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li se tingħata s-somma ta' €1,000.

Is-Sindku qal li filwaqt li sentejn ilu l-Kunsill ingħata s-somma ta' €5,000, is-sena l-oħra ingħata €3,000 issa din is-sena l-ammont niżel sostanzjalment għal €1,000.

Huwa ippropona li formalment jipprotesta dwar din l-offerta. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.4 Tiġdid tal-Website tal-Kunsill**

Is-Sindku qal li tinħass il-ħtieġa li jsir tiġdid tal-website tal-Kunsill billi tingħata format aktar modern. Għalhekk ippropona li noħorġu sejħa ta' tliet kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Clayotn Cutajar, waqt li issekonda offra li jipprovdi *specimen* ta' sejħa tal-kwotazzjonijet għal website.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku għandhom isegwu din il-materja.

**6.5 Tabella "Tarmix Skart Hawn" fi Triq Enrico Vassallo**

Il-Kunsillier Calyton Cutajar ippropona li tiġi stallata tabella "Tarmax Skart Hawn" fit-tarf ta' Triq Enrico Vassallo kantuniera ma' Triq San Ġorġ Preca. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.6 Arbli fit-Triq tal-Bajjada u t-triq li tagħti għall-Fawwara**

Is-Sindku talab il-permess tal-Kunsill biex persuna preżenti tkun tista' tagħti l-kummenti tagħha.

Meta tkompliet is-seduta, is-Sindku qal li diversi ġimgħat ilu twaħħal numru mdaqqas ta' arbli tal-injam fl-imsemmija toroq. Dawn jidhru li saru biex jingħata xi servizz, probabilment provdut mill-kumpanija GO. Huwa tkellem mas-CEO tal-Air Traffic Control li min-naħa tiegħu qal li l-interess tal-kumpanija tiegħu hu li jisal is-servizz meħtieġ u ma tagħmilx differenza jekk dan jasal permezz tal-arbli jew permezz ta' *trenching*.

Is-Sindku qal li f'każijiet fejn jintalab servizz bħal per eżempju tal-elettriku, dan jintalab li jsir permezz tat-*trenching*.

Huwa għalhekk meħtieġ li ssir pressjoni pubblika biex dawn l-arbli li qed jaffettwaw b'mod negattiv l-ambjent, jitneħħew. Għalhekk is-Sindku se jħalli pjan kif din il-pressjoni tista' ssir.

**6.7 Laqgħat għat-tliet xhur li ġejjin**

Is-Sindku ippropona li f'dawn it-tliet xhur li ġejjin, il-Kunsill jiltaqa' f'dawn id-dati:

- It-Tnejn, l-1 ta' Ġunju;
- It-Tnejn, 15 ta' Ġunju;
- It-Tnejn, 13 ta' Lulju;
- It-Tnejn, 3 t'Awwissu.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.8 Newsletter tal-Kunsill**

Is-Sindku ippropona li tibda tinħareġ *newsletter* kull tliet xhur, bl-ewwel waħda tinħareġ sal-Festa ta' San Nikola.
Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.9 Arblu fuq il-bejt tal-Kunsill**

Is-Sindku qal li kien wasal iż-żmien li jittella' arblu ġdid fuq il-bejt tal-Kunsill u ippropona li hu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.10 Attivitajiet fiċ-Ċentru Ċiviku fil-jiem tal-Festa**

Is-Sindku qal li kull sena fil-jiem tal-Festa, ġew organizzati diversi wirjiet fiċ-Ċentru Ċiviku. Huwa ippropona li din is-sena, b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa, il-Każin Banda San Nikola u l-Għaqda Kulturali Siġġiewi titella' wirja dwar il-Prof. Nikola Zammit f'għeluq il-200 sena minn twelidu.

Huwa ippropona wkoll li titella' wirja ta' xogħolijiet minn pitturi Siġġiwin. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.11 Laqgħat mal-Għaqdiet u s-sidien tan-negozji**

Is-Sindku qal li kull sena l-Kunsill jiltaqa' mas-sidien tan-negozji u mad-diriġenti tal-għaqdiet involuti fil-festa ta' San Nikola. Għal din il-laqgħa jattendi l-Ispettur jew is-Supretendent tal-Pulizija. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jattendu dawn il-laqgħat li d-dati tagħhom kienu se jitħabbru fil-jiem li ġejjin.

**6.12 Bollards fil-Pjazza**

Is-Sindku ippropona li jiġu ordnati diversi *bollards* biex jiġu ikkontrollat aħjar l-aċċess fil-Pjazza fil-jiem tal-Festa.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.13 Xogħolijiet ta' resurfacing fi Triq in-Newba u Triq id-Dejqa**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħolijiet ta' resurfacing tal-imsemmija toroq, liema xogħolijiet kienu approvati mill-Kunsill preċedenti, kienu mistennija li jibdew fi żmien immedjat.

**6.14 Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ**

Is-Sindku qal li t-term tas-sinj. Clarax Grixti kien se jintemm it-terminu tagħha għaliex kienet għalqet 18-il sena. Filwaqt li irringrazzjaha tas-sehem tagħha, hu appella lill-kunsillieri biex jaħsbu f'żgħażagħ bejn 16 u 18-il sena li jkunu jistgħu iservu f'din il-kariga. Issuġġerixxa li aktar ma jkunu qrib 16-il sena, aktar it-term tagħhom jista' jkun itwal.

Din il-materja se tkun diskussa f'seduta li jmiss.

**6.15 Bus shelters**

Il-Kunsillier Dominic Grech  qal li kien hemm diversi residenti li kienu qed jitolbu li jsir bus shelter fi Triq Mons. FX Mangion

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace qalet li għandu jsir manteniment aktar spiss tal-bus shelters preżenti.

Il-Kunsillier Domnic Grech qal li kellu suġġeriment biex il-*bus stop* fl-aħħar parti ta' Triq Blat-il Qamar jersaq aktar il-kantuniera ta' Triq is-Salib.

Qal ukoll li huma diversi dawk li qed jitolbu *bus shelter* fil-Pjazza. Dan ikkonfermah il-Kunsillier Nicholas Cassar.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien applika mal-MEPA għall-permess ta' bus shelter fil-pjazza, liema permess kien mogħti. Madankollu dan ifisser li jintilfu diversi parking spaces u jaffetwa b'mod negattiv l-estetika tal-Pjazza.

Din il-materja se tkompli tkun diskussa f'seduta oħra.

**6.16 Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Diversi kunsilliera ikkontribwew f'diskussjoni dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fl-imsemmija triq.

Is-Sindku qal li Transport Malta kienet approvat *pedestrian crossing* fil-parti t'isfel tat-triq, ma kienx hemm qbil mir-residenti dwar il-pożizzjoni ta' fejn dawn għandhom jiġu.

Clayton Cutajar ippropona li jsiru *crash barriers* ħdejn it-Triq ta' Wied Xkora. Dan minħabba li jkun hemm numru ta' tfal jistennew il-vannijiet tal-iskola;

Is-Sindku ippropona li jsiru *crash barriers* fejn riċentment seħħew inċidenti tat-traffiku.

Il-Kunsillier Dominic Grech irrefera għall-*Belisha Lights* li hemm fl-istess triq, ħdejn Dar Zerniq fejn hemm periklu kbir ghal dawk li jużawhom sabiex jaqsmu t-triq, b'mod specjali bit-tfal tal-iskola.

Is-Sindku ippropona wkoll li wara li snin ilu TM kienet irrifjutat it-talb tal-Kunsill biex isiru *speed cameras* fl-imsemmija triq, il-Kunsill għandu jagħmel it-talba mill-ġdid, din id-darba mar-Reġjun Nofsinhar.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.17 MeDIETerranea Food Festival**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*Majjistral Action Group* kien se jorganizza festival tal-ikel f'Dar il-Mediterran għall-konferenzi, il-Belt Valletta, fis-17 u t-18 ta' Mejju.

Hu stieden lill-Kunsilliera biex jekk għandhom xi kuntatti ta' artisti, koki, jew artiġjani li jixtiequ jesibixxu x-xogħol tagħhom, biex ikellmuh mill-aktar fis possibli.

Huwa qal ukoll li għal dawk interessati se jiġi organizzat trasport b'xejn imħallas mill-*Majjistral Action Group* nhar is-17 ta' Mejju fid-9.00am.

**6.18 Talbiet għall-kumpens rigward ħsarat f'vetturi kawza ta' ħsarat fit-toroq**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu daħlu zewġ talbiet rigward din il-materja, waħda minn Jurgen Falzon (LCS 09/15) u l-oħra minn Antonia Farrugia (LCS 10/15). Kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li minkejja li kien irrappurtat fil-mezzi tax-xandir li l-Bord tal-Governanza tal-Kunsilli Lokali kien tkellem dwar xi proċedura dwar dan it-tip ta' każijiet, il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda komunikat la mill-Bord u lanqas mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku għalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikkomunika mill-ġdid mad-Direttur tad-DGL u jitolbu kjarifika dwar din il-materja.

**6.19 Barriers f'Għar Lapsi**

Il-Kunsillier Clayton Cutajar ippropona li fil-parti t'isfel tan-niżla isiru railings bħala protezzjoni.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.20 Traffiku tat-trakkijiet fi Triq Karmenu Vassallo**

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li fi Triq Karmenu Vassallo hemm problema bi traffiku ta' trakkijiet u issuġġerixxa li din tiġi *one way* min-naħa t'isfel (int u nieżel għat-triq tal-barrieri).

Din il-materja għandha tkun diskussa f'seduta oħra.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss bin-numru 302 titlaqqa' **nhar il-Ħamis l-4 ta' Ġunju fis-7:00pm.** Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, l-ta' Ġunju, 2015**

# Tqassim ta' responsabbiltajiet

**Karol Aquilina** - **Sindku**
- Ippjanar strateġiku tal-Kunsill
- Infrastruttura (urbana u rurali)
- Proġetti Kapitali (inkluż żvilupp taċ-Ċentru Ċiviku)
- Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika
- Finanzi
- Fondi tal-Unjoni Ewropea (flimkien mal-Kunsillier Clayton Cutajar)
- Koordinazzjoni tal-għaqdiet
- Koordinazzjoni tar-riżorsi umani tal-Kunsill

**Alessia Psaila Zammit** - **Viċi Sindku**
- Edukazzjoni
- Ħarsien tal-ambjent u l-wirt storiku
- Żvilupp ta' servizzi ta' appoġġ u ħarsien għall-komunità

**Clayton Cutajar** - **Kunsillier**
- Ħarsien u żvilupp tal-Identità lokali
- Kultura u Arti
- Żvilupp tal-lokalità bħala destinazzjoni turistika
- Fondi tal-Unjoni Ewropea (flimkien mas-Sindku Karol Aquilina)

**Julian Borg** -**Kunsillier**
- Żgħażagħ
- Attivitajiet (inklużi Festa Għeneb, il-Wirja Agrarja u l-Mixegħla tas-Salib tal-Għolja) Ġemelaġġ
- Koordinatur tas-servizzi ta' appoġġ lill-bdiewa u ħarsien taż-żoni rurali
- Koordinatur tal-Festa

**Dominic Grech**- **Kunsillier**
- Sport u żvilupp ta' faċilitajiet sportivi
- Immaniġġjar tat-traffiku
- Infurzar lokali
- Koordinatur tas-servizzi ta' ndafa (żoni rurali u urbani u lattrini pubbliċi)

**Gillian Farrugia Pace** - **Kunsilliera**
- Il-Familja u l-Qasam Socjali
- Is-Saħħa
- L-Anzjani u l-Persuni b'diżabilità
- Koordinatriċi tas-servizzi kummerċjali

**Nicholas Cassar** - **Kunsillier**

- Ħarsien u żvilupp ta’ Għar Lapsi
- Ħarsien u żvilupp ta’ postijiet ta’ rikreazzjoni
- Ġonna pubbliċi u landscaping
- Żamma tal-widien

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 301**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 16/4/15-4/5/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | natasha mizzi | 204.40 | 204.40 | k | pf | cleaning council premises april15 | 1.5.15 | | | | | 10809 |
| 2 | k.aquilina | 705.05 | 705.05 | d | pf | honoraria april15 | | | | | | |
| 3 | tony pace | 400.00 | 400.00 | d | pf | electrical set-up festa bebbux 2-3/4/15 | 4.5.15 | 36 | | po65/15 | | 10805 |
| 4 | synthesis | 826.00 | 826.00 | t | pf | ssupervisor of works april15 | 3.5.15 | lc-019 | lcs17/13 | | | 10804 |
| 5 | k.aquilina | 155.76 | 155.76 | d | pf | sms notifications residents | 2.5.15 | 818115 | | | | 10803 |
| 6 | nexos | 2356.09 | 2356.09 | t | pf | street lighting repairs | 25.4.15 | 2010812 | lcs33/09 | | | 10802 |
| 7 | david grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses april15 | 1.5.15 | | | | | 10797 |
| 8 | n.baldacchino | 97.00 | 97.00 | d | pf | fuel expenses april15 | 1.5.15 | | | | | 10796 |
| 9 | c.sciberras | 55.00 | 55.00 | d | pf | sound system festa gheneb | 4.5.15 | 4.5.15. | | | | 10801 |
| 10 | wastecollection ltd | 4273.79 | 4273.79 | t | pf | waste collection april15 | 30.4.15 | 15/160. | lcs12/13 | | | 10800 |
| 11 | wastecollection ltd | 118.00 | 118.00 | t | pf | extra collection glass 6/4/15 | 30.4.15 | 15/159. | lcs12/13 | | | 10800 |
| 12 | antonia aquilina | 105.12 | 105.12 | d | pf | library attendant april15 16hrsx6.57 | 1.5.15 | | | | | 10799 |
| 13 | callus landscaping | 2710.16 | 2710.16 | t | pf | planting public spaces march15 | 29.3.15 | 40 | lcs18/12 | | | 10798 |
| 14 | callus landscaping | 402.34 | 402.34 | t | pf | soil for citta ferdinand/laying | 29.3.15 | 40 | lcs18/12 | | | 10798 |
| 15 | impressions | 34.22 | 34.22 | d | pf | certificates mayor/deputy | 30.4.15 | 52775 | | | | 10796 |
| 16 | daniel cutajar | 518.32 | 518.32 | t | pf | bulky april15 | 30.4.15 | 28 | lcs14/12 | | | 10795 |
| 17 | arms | 66.21 | 66.21 | d | pf | dun anton vella 3/12/14-2/1/15 | 5.5.15 | 20228410 | | | | 10790 |
| 18 | arms | 131.18 | 131.18 | d | pf | dun anton vella 3/1/15-3/3/15 | 5.5.15 | 20228411 | | | | 10790 |
| 19 | arms | 69.88 | 69.88 | d | pf | dr n zammit pf 2/1/15-2/3/15 | 5.5.15 | 20228409 | | | | 10790 |
| 20 | arms | 36.04 | 36.04 | d | pf | dr n zammit pf 3/12/14-1/1/15 | 5.5.15 | 20228408 | | | | 10790 |
| | **Sub Total c/f** | **€13,344.56** | **€13,344.56** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€13,344.56** | **€13,344.56** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 301 tal--4/5/15**

Kunsillier

**Data: 16/4/15-4/5/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | smart office supplies | 84.64 | 84.64 | d | pf | stationery inv20893 less CN-79.36 | 17.4.15 | 20893 | | po57/15 | | 10794 |
| 22 | pavi | 13.08 | 13.08 | d | pf | sugar/tea rec2033527 | 25.4.15 | 2033527 | | | | 10793 |
| 23 | ecopure | 12.74 | 12.74 | d | pf | water for dispenser | 21.4.15 | 602579 | | | | 10792 |
| 24 | access point | 288.09 | 288.09 | d | pf | server room ups/2 port usb | 15.4.15 | 5515 | | po66/15 | | 10791 |
| 25 | arms | 29.81 | 29.81 | d | pf | gnien dr a fenech 15/1/15-25/2/15 | 5.5.15 | 20228405 | | | | 10790 |
| 26 | arms | 14.96 | 14.96 | d | pf | premises 15/1/15-25/2/15 water | 5.5.15 | 20228415 | | | | 10790 |
| 27 | arms | 58.97 | 58.97 | d | pf | premises 15/1/15-25/2/15 eletricity | 5.5.15 | 20228415 | | | | 10790 |
| 28 | arms | 48.56 | 48.56 | d | pf | premises 15/1/15-25/2/15 water | 5.5.15 | 20228414 | | | | 10790 |
| 29 | arms | 43.49 | 43.49 | d | pf | premises 15/1/15-25/2/15 electricity | 5.5.15 | 20228414 | | | | 10790 |
| 30 | nvc | 79.66 | 79.66 | d | pf | operating materials | 25.3.15 | 5729 | | | | 10789 |
| 31 | twanny ironmongery | 121.31 | 121.31 | d | pf | salvavita switch | 16.4.15 | 1862 | | | | 10788 |
| 32 | dr richard sladden | 88.50 | 88.50 | d | pf | case xuereb bros | 17.4.15 | rs23/15 | | | | 10787 |
| 33 | cassie cutajar | 115.20 | 115.20 | d | pf | clerikal work saturdays march15 16hrs x7 | 1.5.15 | | | | | 10786 |
| 34 | cassie cutajar | 86.40 | 86.40 | d | pf | clerikal work saturdays april15 12hrs x7.2 | 1.5.15 | | | | | 10786 |
| 35 | dr richard sladden | 88.50 | 88.50 | d | pf | letter dr angele vella dlg | 20.4.15 | rs24/15 | | | | 10787 |
| 36 | vodafone | 93.60 | 93.60 | d | pf | 99762218 march15 | 1.4.15 | 4566201042015 | | | | 10785 |
| 37 | agatha grima | 250.00 | 250.00 | d | pf | framed painting of st nicholas | 10.3.15 | 10.3.15. | | | | 10784 |
| 38 | wasteserv | 2558.25 | 3146.16 | t | pp | msw waste 26/1/15-31/1/15 | 16.2.15 | 55458 | | | | 10783 |
| 39 | wasteserv | 2087.67 | 3146.16 | t | pp | msw waste 2/2/15-12/2/15 | 2.3.15 | 55777 | | | | 10783 |
| 40 | wasteserv | 1962.07 | 0.00 | t | pp | msw waste 16/2/15-27/2/15 | 16.3.15 | 56069 | | | | 10783 |
| | **Sub Total c/f** | **€8,125.50** | **€7,809.83** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€13,344.56** | **€13,344.56** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€21,470.06** | **€21,154.39** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 301 tal--4/5/15**

0

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 301**

**Data: 16/4/15-4/5/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | wasteserv | 1964.93 | 3146.16 | t | pp | msw waste 2/3/15-3/3/15 | 1.4.15 | 56385 | | | | 10783 |
| 42 | wasteserv | 2393.52 | 0.00 | t | pp | msw waste 30/3/15-30/3/15 | 15.4.15 | 56703 | | | | 10783 |
| 43 | wasteserv | 2732.41 | 0.00 | t | pp | msw waste 2/1/15-10/1/15 | 2.2.15 | 55163 | | | | 10783 |
| 44 | pierre farrugia | 104.70 | 104.70 | d | pf | minerals po67/15 | 5.5.15 | 94 | | po67/15 | | 10807 |
| 45 | ess | 507.62 | 507.62 | d | pf | electrical supplies floodlighting shelters | 4.5.15 | 169045 | | po68/15 | | 10806 |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€7,703.18** | **€3,758.48** |
| **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** |
| **Total** | **€7,703.18** | **€3,758.48** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 301 tal--4/5/15**

0

Kunsillier